MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 180/2003/1

**Helen mart il-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri u l-istess President Carmelo Schembri u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 1997 l-atti gew trasfuzi fl-ismijiet ta' John, Robert, David, Joseph, Mario, Michael, Rosanne mart Herbert Scerri, Lucia mart Stephen Dimech, Connie mart Stefan Grech, Christine mart Robert Pace u Angela mart David Cassar Borg, ilkoll ahwa Schembri bhala unici eredi ta' missierhom l-Onorevoli Prim Imhallef Carmelo Schembri**

**vs**

**Anthony George Zahra ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "Alpine Travel Limited"**

**Il-Qorti:**

B'rikors ipprezentat fit-18 ta' Gunju, 2003 Anthony George Zahra nomine filwaqt li ghamel referenza ghall-proceduri ta' ritrattazzjoni istitwiti mis-socjeta` rikorrenti wara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi a tenur ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija a tenur ta' l-Artikolu 823(2) u (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi il-proceduri ta' ritrattazzjoni gew determinati llum stess billi t-talba tas-socjeta` rikorrenti giet michuda.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba kontenuta fl-imsemmi rikors bl-ispejjes kontra s-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------